MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2001

Avviz Numru. 958/1997/1

**Avviz Nru:- 958/97DM**

**Laura Borg**

**vs**

**Emma Properties Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' erba' mija u sebghin lira maltija (Lm470), dovuta lilha bhala danni prelikwidati naxxenti minn att pubbliku ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo' tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996), bl-imghaxijiet ulterjuri skond il-ligi li jibdew mill-15 t'April 1996 sad-data

tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' konvenuta m'ghamlet xejn li seta' jaghti lok ghall-hlas ta' danni kif stipulat fl-att ta' bejgh kwotat fl-avviz.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata 2 ta' Dicembru 1999.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti,

Rat l-atti kollha tal-kaz; u

Ikkunsidrat:-

Illi ma tirrizultax kontestazzjoni dwar l-allegazzjoni attrici illi l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li jlestu il-blokk minn kollox (almenu sat-tielet sular) mhux iktar tard mill-15 ta' April 1996 u li fin-nuqqas il-konvenuti kienu tenuti li jhallsu bhala penali somma ta' Lm10 kull jum ta' nuqqas.

Lanqas ma huwa ikkontestat illi x-xogholijiet kollha li kellhom jezegwixxu l-konvenuti ma tlestewx fil-hin, tant li Mark Micallef, direttur tal-kumpanija konvenuta, jallega li kien sar ftehim mal-attrici fejn din irrinunzjat ghall-penali **dovuta minhabba d-dewmien,** stante kompensazzjoni ma xi ammonti dovuti mill-attrici ghal xi xoghol zejjed ordnat minnha.

Kemm mid-deposizzjonijiet tax-xhieda kif ukoll mir-ritratti esibiti tirrizulta ampjament l-inadempjenza tal-konvenuti almenu sal-10 ta' Gunju 1996 meta tlesta il-lift u ghal dawn il-55 jum il-penali tammonta ghal Lm550.

Infatti l-attrici qed titlob somma ridotta ta' Lm470 ghaliex qeghda takkredita lill-konvenuti bis-somma ta' Lm80 li hija ssostni li kellha thallas lill-konvenuti ghax-xoghol zejjed minnha ordnat.

Biex il-konvenuti jesimu ruhhom mir-responsabblita' ghad-dewmien huma bbazaw l-argumenti taghhom fuq ftehim mal-attrici li ma giex ippruvat u fuq il-kundizzjonijiet metereologici li ma jirrizultawx ppruvati li kienu tant gravi u **eccezzjonali u imprevisti** li pprekludew ghal kollox lill-konvenuti milli jesegwixxu dak li intrabtu li jaghmlu meta kienu qed jikkonkludu l-bejgh tal-appartament.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici is-somma mitluba ta' Lm470 ghas-saldu tal-penali minnhom dovuta ai termini tal-kuntratt tat-13 ta' Frar, 1996 (Atti Nutar Dr. Marco Burlo') bl-imghax legali millum.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------